# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 601

Kaz Nru. 873

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Said

u

Salvu Mintoff and Sons Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 6 ta' Dicembru, 1994

Chairman: Is-Sur Anthony Farrugia L.P.

It-Tribunal.

Peress li waqt is-seduta ta' l-ewwel (1) ta' Dicembru, 1994 iz-zewg partijiet iddikjaraw li jaqblu li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' John Said minn mal-Kumpanija sehhet fil-hamsa (5) ta' April, 1994 u t-talba mill-istess Said lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani biex il-kaz tieghu (ta' Said) jintbghat quddiem dan it-Tribunal, saret fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu, 1994;

peress li skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 266, fil-kaz fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta, it-talba biex il-kaz jigi mibghut lil dan it-Tribunal ghandha ssir lill-Ministru mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tat-tkeccija u

peress li din it-talba ma saritx fiz-zmien preskritt bil-konsegwenti dekadenza mill-beneficcju ta' l-imsemmi terminu;

jiddikjara ruhhu mhux kompetenti biex jisma' dan il-Kaz u ghalhekk ma jiehux aktar konjizzjoni ta' l-istess Kaz.

Anthony Farrugia
CHAIRMAN

Vera Kopja

---

George Attard
SEGRETARJU

mrg